MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru 1069/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Edmond Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Edmond Vella ta' karta ta' identita' numru 402057(M), akkuzat talli:

Nhar it-28 ta' Novembru, 2005 ghall-habta tas-7:30a.m. gewwa San Gwann kif ukoll f'diversi dati u hinijiet b'diversi atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda uza vjolenza sabiex igieghel lil bintu Danica u lil martu Josephine jaghmlu, ihallu isiru, jew jonqsu milli jaghmlu, xi haga, u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghal bintu Danica u martu Josephine sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann hedded lill-istess bintu Danica u Josephine bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma ipotizzati fuq l-Artikolu 251 li jitratta vjolenza kontra l-imputat. L-akkuzi kontravenzjonali li jsegwu huma konsegwenzjali.

Issa l-prosekuzzjoni sabiex isostni l-akkuzi kienet tehtieg ix-xhieda ta’ mart u bint l-imputat. Dawn ghazlu li ma jixdhux a bazi al-Artikolu 635 tal-kap 9. Fuq daqshekk l-akkuzi kontra l-imputat ma gewx ippruvati.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuzi kontrih dedotti u ghaldaqstant qeghdha tilliberah minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------